MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Nota Numru. 1/2013

Ufficju **ghall-Kompetizzjoni Gusta**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta, Liquigas (Malta) Limited, Association of the General Retailers and Traders, John Borg, Emanuel Bugeja, Simon Buhagiar, Michael Camilleri, Aronne Camilleri Muscat, Lennie Caruana, Francois Cassar, Fernando Cremona, Albert Cumbo, Carmel Cutajar, Anthony Debono, Silvio Debono Galea, George Debono, Benny Desira, Keith Desira Delia, David Fenech, Carmel Formosa, Emanuel Grech, Rene Grech, Brian Magro, Kevin Magro, John Marmara Dalli, Charles Meli, Kenneth Mifsud, Willie Mifsud, Mario Polidano, Mariella Said, Mario Sant, Raymond Sarcia, Paul Spagnol wara r-rapport li sar u konsegwenti ghall-ilment ta' Liquigas (Malta) Limited**

**It-Tribunal**

Ra r-rapport tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni pprezentat permezz ta' nota quddiem it-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur fit-3 ta' Jannar 2013 u dan ai termini tal-artikolu 12A(2) u (3) tal-Kapitolu 379 qabel gie emendat b'Att VI tal-2011 bir-rizultanzi tal-investigazzjoni li tikkoncerna is-suq tad-distrubuzzjoni tal-LPG fic-cilindri tal-gass bieb bieb;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet spjegattivi tal-partijiet;

Ra illi n-nota spjegattiva tal-General Retailers and Traders Union kienet tikkontjeni eccezzjoni preliminari dwar in-nullita tal-proceduri quddiem dan it-Tribunal. Il-Union tghid hekk:

> 2) Illi dana l-Onorabbli Tribunal ghandu quddiemu "rapport" li gie sottomess mill-Ufficcju ghal-Kompetizzjoni Gusta. Illi t-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur ghandu l-kompetenza sabiex jisma' u jaqta' appelli minn decizjonijiet, ordnijiet jew mizuri tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) kif stabbilit fl-Att dwar il-Kompetizzjoni, u dan senjatament kif jirrizulta mill-Artikolu 36(1) tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta[1];
>
> 3) Illi in oltre, l-Artikolu 37(1) tal-Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi: t-Tribunal tal-Appell ghandu jkollu s-setghat u ghandu jsegwi l-proceduri mnizzla fid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u fit-Tieni Skeda, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-regolamenti maghmula tahthom;
>
> 4) Illi l-Appelli li ghandhom jinstemghu minn dana l-Onorabbli Tribunal, huma regolati tassattivament permezz tal-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz tal-Att VI tal-2011. Dawn jipprovdu procedura specifika ta' min jista' u kif ghandu jintavola appell quddiem dana l-Onorabbli Tribunal. Appell jista' jigi istitwit[2]:
>
> a. Mill-intrapriza jew l-ghaqda ta' intraprizi koncernati;
> b. Permezz ta' rikors;
> c. Minn decizjoni tad-Direttur Generali skont l-artikolu 19(1);
> d. Fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tad-decizjoni;
>
> 5) Illi ta' min jghid illi nonostante li l-ilment li fuqu gie imsejjes ir-rapport li ghandu quddiemu t-Tribunal illum dwar id-distribuzzjoni tac-cilindri bieb bieb f'pajjizna, tressaq qabel ma dahhlu in vigore l-emendi introdotti mill-Att VI tal-2011, kemm il-procedura kif ukoll il-forum ossija l-Kummissjoni precedenti m'ghadhomx jezistu, ergo wiehed ma jistax jaqbad parti minn sistema precedenti, u skond kif jidhirlu, japplikaha skond il-ligijiet vigenti, kif ghamel l-Ufficcju ghal-Kompetizzjoni Gusta permezz tan-Nota tieghu tat-3 ta' Jannar 2013. Illi r-rapport jidher li jemani proprju mill-Artikolu 12A(2) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi introdotti mill-Att VI tal-2011, li kien jiddisponi s-segwenti:

---

[1] Minghajr hsara ghall-artikolu 70(3) it-Tribunal tal-Appell presedut mill-President tieghu jkollu kompetenza li jisma' u jaqta' appelli minn decizzjonijiet, ordnijiet jew mizuri tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni)u d-Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif stabbilit fl-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament maghmul taht l-imsemmija Atti.

[2] Artikolu 13(1) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz tal-Att VI tal-2011: Meta johrog decizjoni li jkun sab ksur taht l-artikolu 12A, id-Direttur Generali ghandu flimkien ma' dik id-decizjoni johrog ordni ta' waqfien u ebda tkomplija li biha hu jordna lill-intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi koncernati, skont il-kaz, li tieqaf u ma tkompliex tippartecipa f'tali ftehim, decizjoni, prattika jew imgiba, u, jew ordni ta' konformita li tippreskrivi rimedji fl-imgiba jew ta' struttura indirizzati lill-intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi koncernati, bil-ghan li jwaqqfu l-ksur b'mod immedjat u effettiv .
Artikolu 13A(1) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz tal-Att VI tal-2011: L-intraprita jew l-ghaqda ta' intraprizi koncernati jistghu jappellaw permezz ta' rikors prezentat quddiem it-Tribunal tal-Appell, minn kull decizjoni li ssib ksur, ordni ta' waqfien u ebda tkomplija jew ordni ta' konformita, jew multa amministrattiva u, jew minn xi hlas ta' penali kwotidjana mahruga jew imposta mid-Direttur Generali skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika skont l-artikolu 19(1).

> Meta lid-Direttur jirrizultalu li jkun sar ksur serju tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 u, jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 minhabba l-gravita u kemm idumu ghaddejjin il-ftehim, decizjoni, prattika miftiehma jew mgieba abbuziva li jkunu jew investigati, id-Direttur ghandu jaghmel rapport lill-Kummissjoni dwar il-konkluzjonijiet li jkun wasal ghalihom f'dawk l-investigazzjonijiet, jaghti r-ragunijiet tieghu dwarhom u jirreferi ghall-provi li jsostnuhom, liema provi ghandhom juq talba tal-Kummissjoni jitressqu quddiemha, u wara dan il-Kummissjoni ghandha taghti d-decizjoni taghha fuqhom.
>
> 6) Illi l-Artikolu 13A(1) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi introdotti mill-Att VI tal-2011 kien jipprovdi ghal procedura li permezz taghha l-intrapriza jew assocjazzjoni ta' intraprizi involuta setghet fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika tad-decizjoni mahruga mid-Direttur, titolbu jipprezenta dik id-decizjoni ghall-istharrig tal-Kummissjoni, u d-Direttur ghandu minnufih jilqa' dik it-talba. Ghalhekk il-Union esponenti ma taqbilx mal-konkluzjoni milhuqa fl-Artikolu 127 tar-Rapport tal-Ufficcju ghal Kompetizzjoni Gusta illi hi ghandha tirrapporta lill-dana l-Onorabbli Tribunal, u dan ghar-ragunijiet esposti;
>
> 7) Illi f'kaz li dana l-Onorabbli Tribunal jaccetta li jisma' l-Appell kif migjub quddiemu, l-Union esponenti ser issofri pregudizzju sostanzjali partikolarment dovut ghat-tibdiliet stutorji imsemmija;

Uhud mill-partijiet irrispondew ghal din l-eccezzjoni billi cahdu li kien hemm xi nullita.

It-Tribunal ra l-atti u l-verbal tat-Tribunal li ddiferixxa l-vertenza ghal decizjoni fuq din is-sottomissjoni qua eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidra**

L-artikolu 70(1)(a) tal-Kap. 510 jiddisponi illi:

> Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li kienu jezistu qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandhom ikomplu japplikaw, kif ikun il-kaz, ghal kull:
> (a) investigazzjoni pendenti fid-data tad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att quddiem id-Direttur tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta u d-Direttur tal-Affarijiet tal-Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur) b'dan l-Att;

Jirrizulta illi l-investigazzjoni tal-Ufficju ex officio bidet f'Jannar 2011 cioe qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 510 cioe t-23 ta' Mejju 2011.

Ghalhekk l-investigazzjoni kienet regolata bil-ligi kif kienet fil-Kap. 379 qabel l-emendi. L-artikolu 12A li jirregola l-procedura wara tmiem investigazzjoni kien ighid hekk:

a. f'kaz ta' ksur mhux serju tal-artikoli 5(1) u 9(1), id-Direttur irid jaghti decizjoni (sub-artiklou (1)). Dan is-subartikolu ma juzax il-kliem 'ksur mhux serju' izda jekk wiehed jaqrah flimkiem mas-subartikolu (2) li jiddisponi tassativament li f'kaz ta' ksur serju id-Direttur 'ghandu jaghmel rapport', id-distinzjoni bejn il-proceduri differenti kontemplati fis-subartikolu (1) u (2) johrog car.
b. f'kaz ta' ksur serju tal-artikoli 5(1) u 9(1) tal-Kap. 379, id-Direttu gnandu (shall) ihejji rapport u mhux decizjoni (sub-artikolu (2));
c. f'kaz ta' ksur tal-artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), sew jekk serju sew jekk mhux serju, id-Direttu ghandu wkoll (shall) ihejji rapport u mhux decizjoni (sub-artikolu (3)).

Billi l-ksur allegat mill-Ufficju jaqa' fil-paramentri (b) u (c) fuq msemmija d-direttur kellu jipprocedi permezz ta' rapport quddiem il-Kummissjoni.

Dan it-tribunal gie mwaqqaf, inter alia, biex jissostitwixxi il-Kummmisjoni. Skond l-artikolu 70(1)(b) proceduri pendenti quddiem il-Kummissjoni ghandhom ikomplu quddiem dan it-Tribunal in sostituzzjoni tal-Kummissjoni. Ghalhekk il-forum idoneju hu t-Tribunal u l-procedura addottata mill-Ufficju kienet dik gusta. L-ilment tal-Union li tali procedura ser tikkreja pregudizzju sostanzjali la hi sorretta fil-ligi billi hi l-istess ligi li imponiet il-procedura u lanqas hi sorretta minn xi fatt allegat mill-istess Union billi ghandha kull opportunita issemmi lehenha, tipprezenta l-provi taghha u tiddefendi ruhha.

**Decide**

Ghalhekk din is-sottomissjoni ta' natura ta' eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------